# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 9 ta' Marzu 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**
**(Spettur Sandro Camilleri)**

**vs**

**Leeroy Balzan**

**Kumpilazzjoni Nru: 1199/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Leeroy Balzan detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 284883M.

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Novembru, 2014, bejn is-siegha ta' wara nofs in-nhar (13:00hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u fil-granet u l-gimghat ta' qabel, fl-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, Triq Manwel Dimech tas-Sliema u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer:

1. Ghamel uzu ta' computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex dahal f'xi data, software jew dokumetnazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak

il-computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

2. U aktar talli ipprevjena jew ostakola d-dhul ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;

3. U aktar talli installa, nehha, biddel, ghamel hsara, hassar, iddeterjora, razzan, qered varja jew zied ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;

4. U aktar talli zvela xi password jew kull mod iehor ta' dhul, kodici ta' dhul jew xi taghrif iehor dwar kif isir id-dhul lil xi persuna mhux awtorizzata;

5. U aktar talli ir-reati sui riferiti jikkostitwixxu atti li b'xi mod ikunu ta' hsara ghal xi funzjoni jew attivita tal-Gvern jew tellef gharraq jew interrompa b'xi mod li jkun l-ghoti ta' xi servizzi jew utilita' pubblici, sew jekk dak is-servizz jew dik l-utitilta' jkunu provduti jew imhaddma minn xi enti tal-Gvern;

6. U aktar talli r-reat sui riferiti saru f'xi post minn impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu jew bi pregudizzju ta' terzi;

7. U finalment talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel ir-reati elenkati, liema reati huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 141, 377B, 377C(1)(a), 377C(2)(3), 377F(2)(a)(4)(6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 141, 377B, 377C(1)(d), 377C(2)(3), 377F(2)(a)(4)(6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 141, 377B, 377C(1)(g), 377C(2)(3), 377F(2)(a)(4)(6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 141, 377B, 377C(1)(h), 377C(2)(3), 377F(2)(a)(4)(6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw kaz ta' thassir ta' parti minn rapport redatt dwar incident li kien jinvolvi sparatura wara kollizzjoni. Nhar id-19 ta' Novembru 2014 kien sehh incident li fih allegatament vettura misjuqa minn Stephen Smith habtet ma' vettura li kienet ipparkjata. Ix-xufier ta' din it-tieni vettura kien certu Paul Sheehan li allegatament segwa il-vettura misjuqa minn Smith u anke spara ghal fuqha. Dwar dan l-incident gie redatt rapport (il-current incident report, 'l hekk imsejjha *okkorrenza*) fis-sistema komputerizzata tal-pulizija maghrufa bhala PIRS u dan ir-rapport ghandu numru ta' referenza 6/L/4993. Irrizulta li nhar it-22 ta' Novembru 2014, f'xi hin bejn is-siegha (13.00) u s-saghtejn (14.00) ta' wara nofs in-nhar xi hadd li kien qed juza computer f'l-ghassa tal-pulizija f' Ta' Sliema, hassar l-ewwel erbgha paragrafi f'dik il-parti ta'l-okkorrenza li fiha ikun indikat x'azzjoni tkun ittiehdet fil-kaz[1]. Il-prosekuzzjoni qed tallega li kien l-imputat, li huwa surgent fil-korp tal-pulizija u kien stazzjonat f'l-ghassa Ta' Sliema, li hassar dik il-parti ta'l-okkorrenza; il-prosekuzzjoni qed tallega ukoll li l-imputat ta l-password permezz ta' liema huwa kien jottjeni access ghas-sistema tal-PIRS lil persuni mhux awtorizzati. Dwar dan il-kaz kienet inzammet inkjesta magisterjali[2].

Illi tressqu diversi xhieda mill-prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri, kwazi kollha ufficjali tal-pulizija; xehedu ukoll l-esperti nominati f'l-inkjesta relattiva u xi xhieda pajzana li setghu kellhom xi involviment. Gew prezentati ukoll diversi dokumenti.

[1] Dik il-parti li tibda *action taken.*

[22] Din l-inkjesta, li nfethet fit-2 ta' Dcembru 2014, inghalqet fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija f'l-10 ta' Diembru 2014 peress li kien tressaq l-imputat b'l-imptazzjonijiet odjerni.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li fost id-dokumenti esebieti hemm l-istqarrijiet li kienu rrilaxxjaw diversi pulizija li tressqu ukoll bhala xhieda[3]. Waqt l-udjenza mizmuma fit-12 ta' Dicembru 2014 l-abbli difensur ta'l-imputat Dr Franco Debono kien oggezzjoni ghall-prezentata ta' dawn l-istqarrijiet, jew ahjar dawk minnhom li kienu gew prezentati dak in-nhar, u talab li jigu sfilzati. Il-Qorti wara li semghet s-sottomissjonijiet tal-partijiet kienet irrizervat li tipprovdi fi stadju ulterjuri. Il-Qorti fil-fatt baqghet ma ordnatx l-isfliz ta' dawn id-dokumenti. Dan ma jfissirx li dawn l-isqarrijiet ser jinghataw piz probatorju ghaliex fi proceduri penali xhieda ghandha tinghata viva voce u huma f'kazijiet eccezzjonali biss li l-Ligi tippermetti li stqarrija ta' persuna, li mhiex l-imputat, tigi ammessa bhala prova. Dan premess huwa ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza li stqarrijiet ta' xhud tista tigi accettat f'l-atti pero ai fini biss ta' kontroll. In vista ta' dan il-Qorti hija tal-fehma li tista' taccetta l-istqarrijiet ghal dan l-iskop biss u cioe ai fini ta' kontroll minghajr ma taghtihom ebda valur probatorju.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz beda meta PS 778 David Sant ipprintja kopja tar-rapport biex jipprepara il-provi necessarji fil-proceduri kontra Smith u Sheehan. PS 778 kien l-ufficjal li rrdiga r-rapport dwar l-incident tad-19 ta' Novembru 2014; hu beda dan ir-rapport meta kien qieghed l-ghassa ta' Sliema u komplieh meta kien qieghed l-ghassa l-Gzira. Wara li lesta r-rapport originali kien hemm xi ufficjali ohra li ghamlu updates fir-rapport biex dan jigi aggornat skond l-izviluppi li kienu qed isehhu f'l-investigazzjoni. Fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti[4] PS 778 jghid li huwa printja kopja tar-rapport u rrealizza li kien hemm xi partijiet, li kienu entrati minnu, li kienu gew imhassra. Meta ra dan huwa informa lis-Supretendent Alexandra Mamo u lill-Ispettur Jonathan Ransley, it-tnejn superjuri tieghu stazzjonati f'l-ghassa Ta' Sliema. Is-Surgent Sant spjega ukoll liema parti tar-rapport kienet giet imhassra.

Illi mid-depozizzjoni tas-Supretendent Mamo[5] u ta'l-Ispettur Ransley[6] jirrizulta li dak in-nhar stess li gew infurmati mis-Surgent Sant b'dak li kien

[3] Hemm l-istqarrijiet rilaxxati minn PC5 Luke Busttil (huwa rrilaxxja zewg stqarrijiet) Dok SC2 u Dok SC3 esebieti a fol 57 u 61 rispettivament;dik ta' PC1592 Daniel Busuttil esebieta bhala Dok AA1 a fol 268; dik ta' PS157 Brian Mifsud esebieta bhala Dok SM1 a fol 376 u dik ta' PC336 Francesco Imbroll esebieta bhala Dok SM2 a fol 378.
[4] A fol 360 et seq.
[5] A fol 344 et seq.
[6] A fol 413 et seq.

ikkonstata huma ipparagonaw print out ta'l-okkorrenza li kellha fil-file taghha s-Supretendent Mamo mar-rapport kif kien fil-PIRS dak in-nhar; huma ikkonfermaw li kien hemm diskrepanzi bejn it-tnejn u li l-ewwel erbgha paragrafi fil-parti *action taken* kienu mhassra. Huma infurmaw lil Agent Kummissarju Raymond Zammit b'dak li kien gara u minn hemm skattat investigazzjoni immexxija mill-ufficju ta'l-internal affairs tal-pulizija kif ukoll inkjesta magisterjali.

Illi kemm l-esperti nominati, kif ukoll dawk l-ufficjali tal-pulizija li taw kontribut "*tekniku*" f'l-investigazzjoni[7], mhux biss prezentaw rapporti dettaljati ta'l-operat taghhom sostanzjat minn diversi dokumenti imma anke ddeponew quddiem din il-Qorti u spjegaw viva voce f'xiex kien jikkonsisti kull stadju ta'l-investigazzjoni teknika u l-informazzjoni li ottjenew[8]. Il-Qorti hija tal-fehma li jkun ezercizzju inutli li tirriproduci f'din is-sentenza, anke in sintezi, dak kollu li qalu dawn ix-xhieda u dak li hemm fir-rapporti taghhom u ser tillimita ruhha biex telenka dawk il-konkluzzjonijiet li tista' tislet minn dawn l-elementi ta' prova, konkluzzjonijiet li del resto, u kif ser jirrizulta aktar 'l quddiem fis-sentenza, mhumiex kontestati mill-imputat, anzi fil-bicca l-kbira taghhom huma ammessi.

Illi fil-fatt seta' jigi stabbilit li t-thassir sar fit-22 ta' Novembru 2014 fis-siegha, disgha u erbghin minuta u tlieta u hamsin sekonda ta' wara nofs in-har (13:49:53hrs) permezz ta' computer li kien qieghed f'l-ghassa Ta' Sliema u li normalment jintuza mis-surgenti. Gie stabbilit ukoll li fil-hin li sar it-thassir l-access ghas-sistema tal-PIRS minn fuq dak il-computer kien sar permezz tal-username *balzl003*; dan il-username huwa dak assenjat lill-imputat. Gie stabbilit ukoll li nhar it- 22 ta' Novembru 2014 log in fis-sistema tal-PIRS bil-username *balzl003* mill-computer "*tas-surgenti*" li hemm f'l-ghassa Ta' Sliema sehh fis-siegha sbatax il-minuta u zewg sekondi (13:17:02hrs). Gie specifikat li kwalunkwe thassir issir fuq zewg stadju, fis-sens li l-ewwel trid tigi highighted dik l-parti li trid thassar u mbaghad tghafas *delete*, wara is-sistema tiggenera pop-up li titolbok tikkonferma it-thassir. Gie specifikat ukoll li l-hin ta' 13:49:53hrs huwa il-hin meta l-PIRS gie updated cioe meta saret il-konferma tad-deletion. Aktar minn hekk gie stabbilt li fiz-zmien in ezami s-sistema tal-PIRS kellha automatic log-out

[7] Dawn hadmu id f'id ma'l-espert tekniku nominat f'l-inkjesta.

[8] Dawn huma Dr Martin Bajada, depozizzjoni a fol 68 u rapport Dok MB1 a fol 81; Spettur Pierre Minuti depozizzjoni a fol 269 u a fol 417; Spettur Timothy Zammit, depozizzjoni a fol 285 u rapport Dok TZ1 a fol 291; WPS 263 Gaynor Gambin a fol 410; depozizzjoni a fol PC1525 Patrick Farrugia depozizzjoni a fol 438 u rapport a fol 440.

wara perjodu ta' inattivita ta' ghoxrin minuta, ghalhekk jekk il-computer jibqa idle ghal ghoxrin minuta titla  pop-up li titolbok tikkonferma jekk tridx tibqa' logged in jew le. Jekk jibqa ma ssir xejn s-sistema awtomatikament taghmel log out; jekk ikun hemm attivita ohra s-sistema tibqa logged in.

Illi bhala parti mill-investigazzoni l-pulizija gabru filmati minn CCTV cameras li kien hemm fil-vicinanzi ta'l-ghassa tal-pulizija. Dawn il-filmati huma esebieti[9], hekk kif huma esebieti xi stills mehuda minn dawn il-filmati[10]. Ghandu jigi rilevat li mill-atti jirrizulta li mill-ewwel stadji ta' l-investigazjoni l-imputat ukoll kien talab li dawn il-filmati jingabru ghaliex deherlu li kienu element ta' prova importanti. Il-hin indikat f'l-istills formanti parti mid-dokumenti Dok SC5 u markati bhala CD2 huwa 13:29 u l-hin indikat f'l-istills markati bhala CD1 huwa 01:24pm[11]; dawn l-istills juru l-aktar partijiet relevanti tal-filmati esebieti.

Illi l-fatt li kien l-imputat li accessa l-okkorrenza in ezami nhar it-22 ta' Novembru 2014 (u mhux xi persuna ohra li kien qed juza l-username u password tieghu) jirrizulta mid-depozizzjoni ta' l-Ispettur Graziella Buhagiar[12]. Hija tispjega li bhala parti minn xogolha fis-CMRU kellha bzonn tivverifika xi dettalji tal-kaz li kien jinvolvi lil Smith u Sheehan, b'mod partikolari kellha bzonn tivverifika f'liema ghassa gew arrestati dawn iz-zewg persuni. Hija cemplet l-ghassa Ta' Sliema biex tivverifika mad-detainee book jekk Smith u Sheehan gewx arrestati f'dik l-ghassa. Mill-ghassa Ta' Sliema l-ewwel kelliemha kuntistabbli pero ghar-ragunijiet elaborati fid-depozizzjoni taghha hija talbet biex tkellem lis-surgent. Mill-informazzjoni li taha l-kuntistabbli dak il-hin kien hemm zewg surgenti: wiehed tal-first watch u l-iehor tas-second watch; kelliemha l-imputat. Mill-konverzazzjoni telefonika li kellhom l-ispettur Buhagiar fehemet li waqt li kien qed ikellimha l-imputat kien qed jara l-PIRS report ghaliex beda jaqralha minnu; hija qaltlu li hi ma kellhiex bzonn il-PIRS (ghaliex dak setghet taccessah hija stess) imma dak li riedet kienet informazzjoni mid-detainee book.

Illi jirrizulta li fil-gurnata in ezami l-imputat kin xoghol first watch, cioe s-shift li tibda fil-hamsa ta' fil-ghodu (05.00hrs) u tispicca fis-13.30(hrs). Is-

---

[9] DokMB019 formanti parti mir-rapport ta' Dr Martin Bajada --  a fol 258.

[10] Dok SC5 esebieti a fol 67.

[11] Dan huwa l' hekk imsejjah real time ghaliex il-hin li jidher printjat f'l-istills huwa 02:24pm pero jidher li hemm siegha diskrepanzi ghar-real time.

[12] A fol 392 et seq.

shift ta' wara, is-second watch, tibda mis-siegha ta' wara nofs in-nhar (13.00hrs) sad-disgha u nofs ta'fil-ghaxija (21.30hrs). In-nofs siegha overlap li hemm bejn dawn iz-zewg shifts hija intieza biex tkun tista' ssir handover tax-xoghol. Fil-gurnata in ezami malli saret il-handover pulizija tas-second watch hargu biex jinvestigaw xi rapport li kien dahal u f'l-ghassa baqa biss PC5 Luke Busuttil li kien detailed bhala orderly. Il-pulizija tal-first watch telqu wiehed wiehed; l-ahhar wiehed li telaq kien l-imputat b'mod li ghal xi hin f'l-ghassa pulizija jidher li kien hemm biss PC5 Luke Busuttil u l-imputat.

Illi PC5 Luke Busuttil tressaq bhala xhud[13]. Huwa spjega li dak in-nhar huwa kien detailed bhala orderly u ha over minn PC1592. Fis-siegha u kwart (13.15hrs) dahal persuna, kunjomu Turner, jaghmel rapport; dak il-hin PS 215 Valerie Farrugia u PC 729 Kevin Decelis kienu ghadhom l-ghassa pero wara ftit hargu fuq xoghol barra mill-ghassa biex baqghu hu u l-imputat. Busuttil jkompli jispjega li huwa beda jiehu r-rappaort ta' dan Turner fis-siegha u ghoxrin (13.20hrs), ma jiftakarx kemm dam sa kemm spicca r-rapport pero jiftakar li sa kemm spicca r-rapport l-imputat kien ghadu l-ghassa. Jghid ukoll li ghalkemm ma jiftakarx ezatt x'hin spicca r-rapport zgur kien wara s-siegha u nofs (13.30hrs). Mistoqsi x'kien qed jghamel l-imputat dak il-hin Busuttil jghid li kien qieghed juza l-computer fuq id-desk ta' warajh pero x'kien qed jaghmel ezatt ma jafx. Mbaghad l-imputat telaq u hadd ma rega' uza dak il-computer qabel ma regghet giet PS215 Valerie Farrugia u raha tuzah hi; dan kien wara s-saghtejn (14.00hrs). Ghandu jigi rilevat li prezentati in atti hemm l-istqarrijiet rilaxxjati minn PC5 fil-kors ta'l-investigazzjoni; fihom ta verzjonijiet xi ftit differenti. Meta f'l-ewwel stqarrija[14] gie mistoqsi x'hin telqu tal-first watch, fil-waqt li spjega  li tal-first watch dejjem jibqghu sa' l-ahhar, specjalment is-surgenti li jitilqu l-ahhar, qal li dak in-nhar telqu bejn is-siegha u kwart u s-siegha u nofs, ghalkemm ma kienx jaf minn telaq l-ahhar. Mistoqsi specifikatament dwar l-imputat jghid li ma jiftakarx ezatt x'hin telaq; kliemu kienu: *Ma niftakarx ezatt x'hin telaq. Nghid ukoll li dak il-hin jien kont qed niehu rapport......* Fit-tieni stqarrija[15] jghid li l-kollegi tal-first watch telqu kollha bejn is-siegha u ghoxrin u s-siegha u nofs minbarra l-imputat. Rega' spjega li huwa kien qed jiehu rapport, bdieh fis-siegha u ghoxrin meta l-imputat kien fuq il-

[13] Depozizzjoni a fol 363 et seq.
[14] Dik esebieta bhala Dok SC2 a fol 54.
[15] Dik esebieta bhala Dok SC3 a fol 57.

computer l-iehor; ikompli jghid li meta telaq l-imputat hu kien ghadu qed jiehu r-rapport pero kien wara s-siegha u nofs[16].

Illi Giulio Turner xehed[17]; huwa sempliciment jikkonferma li mar l-ghassa Ta' Sliema nhar it-22 ta' Novemrbu 2014 biex jaghmel rapport u ddeskriva lill-pulizija li hadlu r-rapport bhala wiehed naqra qasir. Ghandu jigi rilevat li meta Guilio Turner kien qed jaghti l-verzjoni tal-fatti lill-pulizija meta huma kienu qed jinvestigaw dan il-kaz huwa ta verzjonijiet differenti. Meta kien qed jitkellem ma' SM 1218 Raymond Vella kkonferma li kien mar jaghmel rapport, li meta wasal l-ghassa kien hemm hafna pulizija pero meta spicca u kien se jitlaq mill-ghassa kien ghad baqa biss il-pulizija li kien hadlu r-rapport, cioe PC 5 Luke Busuttil[18]. Meta kien qed jitkellem ma'l-Ispettur Jesmond Micallef, Turner qal li meta hu kien qed jaghmel ir-rapport ma' PC5 Luke Busuttil kien hemm pulizija iehor qed juza l-computer ta' wara u li kemm dan hu l-ghassa, circa ghoxrin minuta, dan il-pulizija kien hemm ukoll qed jahdem fuq il-computer.

Illi xhedu diversi pulizija li kienu xoghol fil-gurnata in ezami f'l-ghassa Ta' Sliema; minn dawk li kienu first watch bhall-imputat xehedu s-segwenti:

- PC336 Francesco Imbroll[19] jghid li huwa kien detailed bhala xufier u li telaq mill-ghassa ghall-habta tas-siegha u kwart (13.15hrs) meta l-ghassa kien hemm l-imputat, PS 215 Valerie Farrugia u PC5 Luke Busuttil li dak il-hin kien qed jiehu rapport ta' xi persuna. Dan ix-xhud spjega ukoll li Busuttil kien qed juza l-computer li hemm mal-bank, Farrugia kienet qed tohrog l-affarijiet taghha mill-locker vicin ta' Busuttil, u l-imputat kien qed jahdem fuq xi rapport fuq il-computer vicin it-tieqa (dak li ntuza biex sar it-thassir); mistoqsi fuq liema rapport kien qed jahdem l-imputat, Imbroll jghid li ma jafx.
- PS 157 Brian Mifsud[20] jghid li dak in-nhar l-imputat kien xoghol l-ghassa l-Gzira pero mar l-ghassa Ta' Sliema ukoll tant li f'xi hin ghamlu xi xoghol fi Gnien l-Indipendenza flimkien. Mifsud ma rritornax lura l-ghassa imma minn fuq dik il-bicca xoghol baqa' sejjer id-dar ghalhekk ma jafx jekk x'ghamel l-imputat wara dik il-bicca xoghol.

---

[16] Kopja tar-rapport li ghamel Turner hija esebieta bhala Dok MB012 formanti parti mir-rapport ta' Dr Martin Bajada a fol 202.
[17] Depozizzjoni a fol 282 et seq.
[18] Ref dik il-parti tad-depozizzjoni ta' SM 1218 Raymond Vella a fol 435 et seq.
[19] Depozizzjoni a fol 425 et seq.
[20] Depozizzjoni a fol 461 et seq.

- PC 1592 Daniel Busuttil[21] spjega li hu kien detailed bhala orderly u li dak in-nhar l-imputat kien xoghol l-ghassa tal-Gzira pero kien qed ilahhaq l-ghassa Ta’ Sliema ukoll; fil-fatt Busuttil spjega li ghall-habta ta’ nofsinhar, in-nofs siegha (12.00hrs / 12.30hrs) l-imputat gie l-ghassa Ta’ Sliema. Busuttil jghid ukoll li huwa telaq mill-ghassa fis-siegha u nofs (13.30hrs) u dak il-hin l-ghassa kien hemm l-imputat li kien “*ghadu qed idahhal xi rapport*” fuq il-computer ta’ wara.

Illi minn dawk li kienu second watch xehedu s-segwenti:

- WPS 215 Valerie Farrugia[22] tispjega li hi dahlet xoghol ghall-habta tas-seigha nieqes hamsa (12.55hrs); dak il-hin kien hemm tal-first watch, l-imputat u uhud minn tas-second watch: PC 5 Luke Busuttil u PC 729 Kevin Decelis. Dwar l-imputat tghid li huwa zgur baqa’ hemm sas-siegha u nofs (13.30hrs) ghaliex f’dik in-nofs siegha (13.00hrs sa 13.30hrs) huma jaghtu l-handover. Farrugia tispjega li ghall-habta tas-siegha u nofs (13.30hrs) hi kellha tohrog fuq bicca xoghol --- dak il-hin l-imputat kien ghadu l-ghassa --- u rritornat l-ghassa qrib is-saghtejn; ma tifkakarx jekk x’hin marret lura l-imputat kienx ghadu l-ghassa.
- PC 729 Kevin Decelis[23] li kien detailed bhala xufier jghid li huwa dahal l-ghassa ghall-habta tas-siegha nieqes ghaxra (12.50hrs); jghid ukoll li dak il-hin kien ghad hemm pulizija mill-first watch pero ma jiftakarx minn kienu. Spjega li ghall-habta tas-siegha u kwart, s-siegha u nofs (13.15hrs / 13.30hrs) hu telaq ma’ WPS 512 Valerie Farrugia fuq bicca xoghol u ma jiftakarx minn kien hemm l-ghassa x’hin telqu.

Illi dwar il-persuna li tidher fil-filmat u f’l-istills esebieti, cioe dak il-pulizija ta’ sess maskili, jidher minn daru, miexi mid-direzzjoni ta’l-ghassa lejn Rudolph Street, kienu erbgha xhieda tal-prosekuzzjoni li in kontro ezami sarulhom mistoqsijiet dwaru.

- Is-Supretendent Alexandra Mamo[24] rat ir-ritratti ghall-ewwel darba seduta stante. Dwar il-persuna li dehret f’tnejn mit-ritratti tghid li ghalkemm il-persuna li tidher fihom tixbah lill-imputat ma setghetx tghid mija fil-mija li kien hu, pero murija t-tielet ritratt tghid il “*jidher li hu*” u anke tat r-ragunijiet taghha ghaliex ikkonkludiet li hu u f’dan ir-rigward ghamlet referenza partikolari mhux biss ghall-istatura imma anke ghall-mixja ta’l-imputat.

---

[21] Depozizzjoni a fol 464 et seq .
[22] Depozizzjoni a fol 468 et seq.
[23] Depozizzjoni a fol 472 et seq.
[24] Ref dik il-parti tad-depozizzjoni a fol 351/352/353.

- L-ispettur Jesmond Micallef fid-depozizzjoni tieghu[25] ukoll ghamel referenza ghall-mixja partikolari li ghandu l-imputat u jghid li l-mixja tal-pulizija li jidher fil-filmat tixbah lil dik ta'l-imputat[26]. Dan ix-xhud jghid ukoll li dan l-istess pulizija jidher miexi fid-direzzjoni tar-residenza ta'l-imputat.
- SM300 Dr Alfred Abela[27] jghid li hu ra kemm l-istills kif ukoll il-filmat. Jispjega li l-istills ma tantx huma cari pero mill-filmat jidher pulizija li, ghalkemm ma jidhirx minn wiccu, jidher li jixbah lill-imputat partikolarment minhabba l-istatura tieghu.
- PC5 Luke Busuttil[28] jghid li l-persuna li tidher fir-ritratti ghandha statura li tixhbah lill-imputat.

Illi l-imputat mhux biss irrilaxxja zewg stqarrijiet imma ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti[29].

Illi ghandu jinghad li l-imputat kien konsistenti fil-verzjonijiet li ta fit-tlett okkazzjonijiet. Waqt id-depozizzjoni ta' aktar informazzjoni, dan pero bhala rizultat tal-mistoqsijiet li sarulu. Huwa ikkonferma li nhar it-22 ta' Novembru 2014 kien xoghol first watch u li ghalkemm kien detailed il-Gzira kien ukoll l-ghassa Ta' Sliema. Jikkonferma ukoll li xi hin ghall-habta tan-nofs siegha (12.30hrs) is-siegha (13.00hrs) cemplet l-ispettur mis-CMRU biex tara fejn kienu gew arrestati Smith u Sheehan; l-imputat iccekkja fuq id-detainee book, ma sab xejn hemm u biex ikun cert mill-informazzjoni li kien ser jaghti lill-ispettur dahal fil-PIRS report. Spjega ukoll li ihighlightja parti minn din l-okkorenza biex ikun jista' jara ahjar[30]. L-imputat jispjega ukoll li ma jiftakarx jekk wara li qata' minn ma'l-Ispettur Buhagier harigx mill-okkorrenza jew le. L-imputat jinsisti pero li hu ma hassar l-ebda parti mill-okkorenza u jghid ukoll li trid tkun mignun biex thassar xi parti minn rapport ghaliex minhabba l-audit trail kull pass jigi rekordjat. L-imputat insista ukoll li hu telaq mill-ghassa bejn is-siegha u nofs nieqes hamsa (13.25) u s-siegha u nofs u hamsa (13.35hrs) u baqa' sejjer id-dar. Jghid li dak il-hin l-ghassa zgur kien hemm PC5 Luke Busuttil ghaliex il-

---

[25] Ref dik il-parti tad-depozizzjoni a fol 403/404/405.

[26] L-ispettur Micallef a differenza tas-Supretendent Mamo kellu l-opportunita jara mhux biss l-istills imma anke l-filmat.

[27] Depozizzjoni a fol 261 et seq.

[28] A fol 367 et seq.

[29] L-ewwel stqarrija ittiehdet fis-27 ta' Novembru 2014 hija esebieta bhala Dok SC1 a fol 51; it-tieni stqarrija ttiehdet f'l-4 ta' Dicembru 2014 u hija esebieta bhala Dok SC4 a fol 61; id-depozizzjoni ta'l-imputat qeghda a fol 524 et seq.

[30] Spjega li minhabba il-kulur tal-background u tal-font ir-rapport ma kienx jista' jinqara sew.

kumplament tas-shift tieghu kienu telqu ftit qablu; ma kienx cert jekk WPS215 Valerie Farrugia u PC729 Kevin Decelis kienux hemm jew le meta telaq. L-imputat ukoll spjega li jekk s-sistema taghmel ghoxrin minuta idle titla pop up li tistaqsi jekk tirdx tibqa illoggjat jew le; jekk tafes "*yes*" tibqa' illoggjat..

Illi xehedt ukoll omm l-imputat[31]. Hija tghid li normalment nofs siegha qabel ma jispicca l-imputat kien icemplilha biex tkun tista' tiprepara l-ikel; mistoqsija jekk tiftakarx dak li gara propju dak in-nhar tghid li kienu ghamlu kuntatt telefoniku ghax cemplietlu hi ghall-habta tas-siegha nieqes ghaxra u qiesu ghall-habta tas-siegha u kwart kien lahaq mar id-dar.

Ikkunsidrat

Illi mis-suepost huwa car li fattur determinati ghar-rizoluzzjoni ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet huwa x'hin telaq l-imputat mill-ghassa dak in-nhar ghaliex jekk verament telaq fis-siegha u nofs ma jistax ikun hu li ghamel it-thassir. Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni l-persuna li setghet taghti l-ahjar informazzjoni dwar dan kien PC5 Luke Busuttil ghaliex huwa fatt inkontestat li hu kien qieghed l-ghassa meta telaq l-imputat. Pero sfortunatament dan ix-xhud ma tantx kien kredibbli; dan il-Qorti tghidu mhux biss minhabba l-komportament tieghu waqt li kien qed jixhed imma anke minhabba d-diskrepanzi li hemm fil-verzjonijiet li ta. Kif diga ntqal meta xehed quddiem din il-Qorti huwa qal li sa kemm hu ha r-rapport ta' Turner l-imputat kien ghadu l-ghassa u li dan telaq wara s-siegha u nofs. Pero l-ewwel darba li gie nterrogat dwar dan il-kaz qal li tal-first watch **kollha** telqu bejn is-siegha u kwart u s-siegha u nofs u dwar l-imputat b'mod partikolari qal li ma jiftakarx pero hu (cioe Busuttil) kien ghadu qed jiehu r-rapport. Fit-tieni stqarrija jghid li l-kollegi tal-first watch telqu kollha bejn is-siegha u ghoxrin u s-siegha u nofs minbarra l-imputat li telaq meta hu kien ghadu qed jiehu r-rapport pero dan kien wara s-siegha u nofs. Quddiem din il-Qorti mbaghad qal li l-imputat telaq wara li hu kien spicca jiehu r-rapport. Hemm mbaghad l-verzjonijiet mghotija minn Giulio Turner. Quddiem il-Qorti ma ta l-ebda informazzjoni dwar l-imputat. F'l-ewwel verzjoni mghotija lill-pulzija qal li ghalkemm meta mar l-ghassa kien hemm hafna pulizija meta gie biex jitlaq kien hemm biss il-pulizija li hadlu r-rapport. Meta rega ta l-verzjoni tieghu lill-pulizija allega li kien hemm pulizija iehor qed jahdem fuq il-computer. Ghandu jinghad ukoll li minbarra PC5 kien biss

[31] Depozizzjoni a fol 540 et seq.

PC1592 Daniel Busuttil li irrefera ghall-fatt li x'hin telaq hu (ghal habta tas-siegha u nofs) l-imputat kien ghadu qed jahdem fuq xi rapport.

Illi f'dan l-istadju huwa relevanti li l-pulizija li kienu l-ghassa u xehedu dwar x'hin dahlu jew spiccaw mix-xoghol qalu li l-hinijiet li qed jaghtu kienu approssimattivi ghaliex hadd ma qaghad ihares lejn l-arlogg biex jikkonstata bi precizjoni x'hin dahal jew spicca mix-xoghol fil-gurnata in ezami.

Illi huwa relevanti ukoll li mhux sorprendenti li kien hemm minn osserva lill-imputat fuq il-computer *qed jahdem fuq xi rapport* ghaliex dak il-hin (meta kien hemm iz-zewg shifts inkluz iz-zewg surgenti) cemplet l-Ispettur Buhagiar u waqt li l-imputat kien qed ikellimha accessa l-PIRS; dan kien fis-13:17:02. Anke meta wasal Giulio Turner jidher li kien ghad hemm iz-zewg shifts ghaliex hu indika li meta wasal l-ghassa kien hemm hafna pulizija ghalhekk mhux sorpredenti li hu ukoll ra lil xi pulizija iehor *jahdem fuq il-computer*. Mbaghad bdew hiergin ftit ftit; min sejjer fuq bicca xoghol (tas-second watch) u minn sejjer lejn id-dar.

Illi pero minbarra x-xhieda ta' dawn il-pulizija u ta' Guilio Turner hemm ukoll il-filmati u l-istills mehuda minnhom. Dawn juru pulizija li ghalkemm ma jidhirx minn wiccu irrizulta li ghandu statura simili hafna ghal dik ta'l-imputat; aktar minn hekk zewg ufficjali specifikaw li dan il-pulizija, li jidher miexi mill-ghassa lejn Rudolph Street, ghandu mhux biss l-istatura imma anke il-mixja ta'l-imputat. Wiehed ma jistax jinsa li d-dar ta'l-imputat kienet ftit passi 'l boghod minn fejn kien jidher miexi dan il-pulizija. Lanqas ma wiehed jista jinsa li l-hin fuq dawn ir-ritratti kien 01.24pm (CD1). Aktar minn hekk hemm il-verzjoni konsistenti ta'l-imputat li huwa telaq mill-ghassa bejn is-siegha u nofs nieqes hamsa u s-siegha u nofs u hamsa u c-cahda kategorika tieghu li ghalkemm ihighlightja parti mir-rapport meta kien qed ikellem lill-Ispettur Buhagiar huwa qatt ma hassar xi parti minnu.

Illi tenut kont ta' dan il-kunflitt fil-provi, tenut kont li l-proskeuzzjoni trid iggib prova 'l hemm minn kull dubbju detatt mir-raguni u li min-naha l-ohra l-imputat huwa tenut li jipprova dak li jallega on a balance of probabilities, il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma ssodisfatx l-oneru impost fuqha biex ikun jista' jinghad 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li kien l-imputat li hassar parti mill-okkorrenza u dan ghaliex ma ngabitx prova sufficjenti li l-imputat kien ghadu l-ghassa meta sar it-thassir.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-imputat ma jistax jinstab hati ta'l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Ikkunisdrat

Illi r-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik bazata fuq il-fatt li huwa ta l-password li biha huwa seta' jaccessa s-sistema tal-PIRS li persuna mhux awtorizzata.

Illi dan il-fatt jirrizulta ammess mhux biss mill-istqarrijiet ta' l-imputat imma anke mid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. L-imputat fil-fatt jghid li huwa kien ta din il-password lil PC978. Hu pero spjega li kien ghamel dan ghaliex PC978 kien ghadu kif dahal fil-korp u gie assenjat xoghol f'l-ghassa bhala orderly li ghalhekk kien jinkludi t-tehied ta' rapporti. Peress li PC978 kien ghadu ma kellux username u password biex jaccessa s-sistema l-imputat kien tah il-password tieghu biex (PC978) ikun jista' jaqdi d-doveri tieghu bhala orderly. L-imputat jghid ukoll li din hija haga li kienet tigri regolarment fil-korp ghalkemm kull min jinghata access ghas-sistema tal-PIRS jiffirma dokument li fih hemm r-regoli dwar l-uzu tal-username u pasword inkluz dik li ma jinghatawx lil persuni mhux awtorizzati

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li r-raba imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li l-password inghatat lil membru iehor tal-Korp, di piu pulizija li kien detailed bhala orderly u kellu bzonn access ghas-sistema tal-PIRS biex ikun jista' jaqdi id-doveri tieghu partikolarment meta ma jkunx hemm surgent f'l-ghassa, ghalhekk ma jistax jitqies bhala persuna mhux awtorizata. Persuna, anke jekk pulizija, titqies bhala awtorizzata li taccess xi sistema komputerizata partikolari li tintuza mill-Korp tal-pulizija meta tinghata access ghal dik is-sistema mill-persuna intitolata biex taghmel hekk; l-imputat zgur li ma kienx dik il-persuna. Fil-fatt irrizulta mid-depozizzjoni ta'l-Ispettur Minuti li mhux kull membru tal-korp ghandu access ghas-sistema kollha u hemm membri li m'ghandhom access ghall-ebda sistema; huwa spjega li l-accessa jinghata skond l-funzjoni li kull membru jaqdi fil-korp. Il-fatt li ghal xi zmien PC978 kien ghadu ma nghatax username u password minn dik il-persuna fil-korp intitolata li taghmel hekk hija prova li sa dak il-mument PC978 kien ghadu mhux persuna awtorizzata u l-imputat ma kellux jaghtih l-username u l-password tieghu.

Illi l-Qorti lanqas ma taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li l-imputat ghandu jigi liberat mill-imputazzjoni issa in ezami ghaliex huwa hass ruhu kostrett jaghti lil PC978 il-username u l-password tieghu ghaliex altrimenti x-xoghol f’l-ghassa kien ser jieqaf meta hu (cioe l-imputat) ma jkunx hemm stante li hafna mix-xoghol ta’ l-orderly kien jirrikjedi access ghas-sistema tal-PIRS. Id-difiza ssostni ukoll li fil-fatt din il-haga, cioe l-ghoti tal-password, kienet prassi fil-korp minhabba li kienu jghaddu gimghat qabel ma rekruti godda jinghataw password u qatt ma ttiehdu passi kontra hadd qabel dan il-kaz. F’dan ir-rigward ghandu jinghad li mill-atti processwali[32] jirrizulta li verament kien ikun hemm certu dewmien qabel ma persuna li jkollha bzonn access ghas-sistema tal-PIRS tinghata password, hekk kif jirrizulta li hemm kazijiet meta biex ix-xoghol f’ghassa ikun jista’ jkompli b’mod effettiv kien necessarju li surgent jghati l-passord tieghu lill-orderly. Dan pero ma jfissirx li l-imputat b’l-agir tieghu ma marx kontra dak li jiddipsoni l-artikolu 337C(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Aktar minn hekk il-fatt li apparentement qatt ma ttiehdu passi kontra xi membru tal-Korp ghal nuqqas bhala dan ma jfissirx li l-imputat ghandu jigi liberat. Ma dana kollu l-Qorti hija tal-fehma li dawn il-fatti ghandhom jinghatw piz f’l-ikkalibrar tal-piena.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti processwali jirrizulta ampjament u lanqas hu kontestat li l-imputat huwa ufficjal tal-pulizija u ghalhekk ufficjal pubbliku; u jirrizulta ukoll li konsegwentement ir-reat li tieghu qed jinstab hati permezz tar-raba imputazzjoni sar bi hsara ghal servizz imhaddem mill-Korp tal-Pulizija. Konsegwentement il-hames u s-sebgha imputazzjonijiet jirrizultaw ukoll.

Illi s-sitt imputazzjoni kif tirrizulta mic-citazzjoni tirreferi ghall-aggravju imsemmi f’l-artikolu 337F(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioe l-aggravju meta r-reati kontemplati f’l-artikolu 337C jigu kommessi minn impjegat bi pregudizzju ghall-imghallem.

Illi pero fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali din id-dispozizzjoni mhiex elenkati fost dawk l-artikoli li huwa kien qed jipprospetta li taghhom l-imputat jista’ jinstab hati.

[32] B’mod partikolari d-depozizzjoni tas-Supretendent Mamo a fol 346 et seq, u ta’ l-ispettur Jonathan Ransley depozizzjoni a fol 415 et seq.

Illi huwa ben stabbililt li l-Qorti tista tippronunzja ruhha biss fuq dawk ir-reati li jirrizultaw min-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. La darba l-artikolu li jirreferi ghas-sitt imputazzjoni mhux inkluzi f'din in-nota l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-fedina penali netta tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll ic-cirkostanzi li fihom huwa wasal biex ikkometta r-reat li tieghu qed jinstab hati u cioe l-intenzjoni li x-xoghol ta'l-ghassa jkun jista' jsir b'mod effettiv u l-pubbliku jkun jista' jinqeda tempestivament anke meta l-orderly, PC978, jkun qieghed wahdu f'l-ghassa. Hadet in konsierazzjoni ukoll dak li xehdu diversi ufficjali u cioe li ghalkemm huma kienu jishqu li din il-prassi m'ghandhiex tigi segwieta, min-naha l-ohra huma kienu konsapevoli li kienet tezisti u li minghajra l-ghassa *kienet tieqaf*.

Ghla dwan il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 141, 337C(1)(h), u 337F(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issibu hati tar-raba, tal-hames, u tas-sebgha imputazzjonijiet u b'applikazjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapiotlu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. Tenut kont li esperti kienu nominati f'l-inkjesta li kienet inzammet b'relazzjoni mat-thassir f'l-okkorrenza u l-imputat mhux qed jinstab hati ta'l-imputazzjonijiet b'rabta ma dawk il-fatti mhux ser tapplika dak predipost f'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentena u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**